MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 18/2010

**Fort Chambray Limited**

**Vs**

**KW10 Projects Company Limited**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-16 ta’ Novembru 2010 is-socjeta attrici qeghda titlob minghand is-socjeta konvenuta s-somma ta’ sitt elef mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€6,148.23) bhala rifuzjoni ta’ depozitu mhallas ghall-ezekuzzjoni ta’ xoghol ta’ aperture ghall-progett ta’ Fort Chambray, limiti Ghajnsielem, Ghawdex.

Fis-seduta tal-lum xehed bil-gurament Mohan Bharwani direttur tas-socjeta konvenuta fejn spjega x’inhuma l-oggezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghat-talba tas-socjeta attrici. Madankollu fl-istess seduta l-partijiet waslu fi ftehim li:-

a. Id-depozitu ta' €6,148.23 jithallas lura mis-socjeta konvenuta permezz ta' pagamenti ta' hames mitt ewro (€500) kull xahar, l-ewwel pagament isir fl-1 ta' Jannar 2011.

b. Fuq l-ammont jithallas imghax b'sehh mill-25 ta' Lulju 2008.

c. L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

d. F'kaz li l-kumpannija konvenuta tfalli pagament wiehed, tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u l-bilanc kollu jkun dovut lis-socjeta attrici.

Id-difensur tas-socjeta attrici talab li dan il-ftehim jigi nkorporat fis-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€6,148.23) bil-modalitajiet ta' hlas skond it-transazzjoni li lehqu l-partijiet, bl-imghax b'sehh mill-25 ta' Lulju 2008.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------